MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 175/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Luciano Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 219855M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Sciberras Distribution Agency Limited (C 7427) ghas-snin 1998, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2007, 2008 u 2009 b'diversi atti maghmulin minnhekk, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi

artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 fuq ammissjoni sabet lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ elf u mitt Euro (€1100), peress li l-appellat m’ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` Sciberras Distribution Agency Limited il-Qorti ma mponitx multa addizzjonali.

Il-Qorti spjegat lill-appellat ai fini ta’  l-artikolu 49(2) tal-kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta’ April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat Luciano Sciberras hati ta’ l-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta’ elf u mitt Ewro (€1100), timponi multa addizzjonali skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta mis-sentenza appellata illi ghalkemm l-appellat instab hati ta' reat ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, inkwantu l-appellat kien direttur tas-socjeta` Sciberras Distribution Agency Limited ghall-perjodi li fihom kien hemm in-nuqqasijiet ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Qorti mponiet biss multa u naqset milli timponi multa ohra addizzjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli jissussisti r-reat, u dana kif jipprovdi l-istess artikolu b'mod tassattiv.

Illi effettivament l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

*"Kull persuna li tikser jew li tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il Ewro (€116) u mhux izjed minn elf u mija u sittin Ewro (€1160) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien u multa ohra ta' mhux inqas minn erba` (4) Ewro izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro (23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab hatja ……*
*…..ir-reat that dan l-artikolu jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u hares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih".*

Illi kwindi huwa evidentissimu illi l-Ewwel Qorti, dejjem bis-sovut rispett, kienet manifestament zbaljata meta mponiet fuq l-appellat multa ta' elf u mitt Ewro (€1100), izda naqset milli timponi multa addizzjonali ta' mhux inqas minn erba`

(4) Ewro u mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro (23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, kif jipprovdi l-istess artikolu 23 b'mod tassattiv.

Illi bid-dovut rispett, ir-raguni li tat l-Ewwel Qorti il-ghaliex ma mponietx din il-multa addizzjonali fuq l-appellat skond il-ligi, hija manifestament zbaljata u legalment insostenibbli. L-Ewwel Qorti fil-fatt ma mponietx din il-multa addizzjonali ***"peress li l-imputat m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` Sciberras Distribution Agency Limited".*** Bid-dovut rispett, dan ir-ragunament ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa manifestament zbaljat ghaliex id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 japplikaw ghalih minkejja li huwa – ferm u ferm konvenjentement – irrizenja minn direttur jumejn qabel ma nghatat is-sentenza fil-konfront tieghu !!!

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs George Vella, deciza minn din l-Onorabbli Qorti (per Onor. Imhallef Michael Mallia) fid-9 ta' Dicembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi : ***"peress li l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikolari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun ikunx ghadu direttur jew le".***

Fl-istess sentenza, din l-Onorabbli Qorti tkompli tghid illi :
***"il-Qorti tifhem li din ir-rizenja kienet wahda volontarja ….. u r-responsabilita` tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa` vigenti.***

Inoltre, ghax f'dan il-kaz kienet qamet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll irritjeniet illi minkejja li s-sur Vella kien irrizenja minn direttur xi snin qabel, il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu kellha tibqa` ghaddejja sakemm huwa jottempra ruhu mal-ligi.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Brian John Farrugia, ukoll deciza minn din l-Onorabbli Qorti (per Onor imhallef Michael Mallia) fid-9 ta' Dicembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi persuna li taqdi jew li kienet taqdi l-funzjoni ta' direttur ta' kumpannija, tibqa` responsabbli versu l-Kummissarju tat-

Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li tkun naqset li tibghat ir-returns u l-hlasijiet dovuti, irrispettivament jekk tkunx ghadha direttur jew le. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi :

***"Il-proviso ta' l-artikolu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti "sakemm min jaghmel ir-reat". Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabbilita` tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilita` illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. Fuq imsemmi 372 jibqa` responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikolari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita` illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa` jissussisti fil-konfront tieghu.***

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet cara u kategorika fis-sentenzi taghha dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-ligijiet ta' Malta. Ma jistax ikun, u certament imur b'mod assai perikoluz kontra l-ispirtu tal-ligi li kieku l-ligi kellha tippermetti li persuna responsabbli ghall-hlas tat-taxxa ta' socjeta` kummercjali, bhal ma huwa direttur, jaghmel snin shah ma jhallasx taxxa, u, meta jidhirlu konvenjenti, jirrizenja minn direttur u jezonera ruhu mir-responsabbilitajiet tieghu !!. B'kull rispett l-appellat Luciano Sciberras ipprova minghalih jghaddi z-zmien bil-gustizzja billi jumejn biss qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza fil-konfront tieghu, irrizenja minn direttur tas-socjeta de quo, u dakinhar stess tas-sentenza, u cioe` fis-16 ta' Marzu, 2012, huwa pprezenta kopja tal-Form K relattiva u rregistra ammissjoni ! dan l-agir indubbjament sar in mala fede u bl-iskop car li l-appellat "jiffranka" l-multa addizzjonali rikjesta mill-ligi b'mod tassattiv! Ghal xi raguni, l-Ewwel Qorti laqghet din l-iskuza u, b'interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, ma applikatx il-multa

addizzjonali li kellha tkun applikata b'mod tassattiv skond il-ligi!! L-appellat Luciano Sciberras ghadu responsabbli ghat-taxxa kollha dovuta, u l-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' malta huwa perfettament applikabbli ghalih – anke jekk sa minn jumejn qabel is-sentenza huwa konvenjentement m'ghadux direttur tal-kumpanija.

Illi minghajr ma wiehed itawwal inutilment, fil-kaz de quo huwa pacifiku u nkontestat li l-appellat Anthony Sciberras kien direttur tas-socjeta¬ Sciberras Distribution Agency Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Huwa wkoll pacifiku u nkontestat li bhala direttur, l-appellat Luciano Sciberras kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza xi haga li huwa naqas milli jaghmel.

Kwindi, meta wiehed jara l-atti processwali u japplika l-artikoli tal-ligi u l-kazistika nostrana dwar is-suggett, ma hemm ebda dubju li l-appellat Anthony Sciberras kien u ghadu responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa kollha dovuta ghas-snin 1998, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2007, 2008 u 2009, u dan minkejja l-manuvri in mala fede tieghu ftit sieghat qabel inghata s-sentenza.

Illi kwindi d-disposizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli ghall-appellant, kif inhuma wkoll applikabbli d-disposizzjonijiet dwar il-pieni fl-istess artikolu, fosthom il-multa addizjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat. U dana b'mod tassattiv kif tipprovdi l-ligi stess.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Luciano Sciberras kien Direttur tas-socjeta Sciberras Distribution Agency Limited liema socjeta naqset milli tibghat il-formoli tat-taxxa ghas-sena 1998 u ghas-snin 2001 sat-2009 kif indikat fl-akkuza. Minkejja diversi twissijiet bil-miktub minn naha tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-appellat baqa'

nedempojenti u konsegwament bdew il-proceduri odjerni fil-konfront tieghu. Mis-Sentenza taghha tas-16 ta' Marzu, 2012 il-Qorti tal-Magistrati, wara ammissjoni ta' l-appellat, sabet lil appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal elf u mitt Euro (€1,100) multa u "peress illi l-imputat (l-appellat odjern) m'ghadux legalment jirrapprezenta lis-socjeta Sciberras Distribution Agency Limited" il-Qorti ma mponietx multa addizzjonali skont il-Ligi. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza principalment il ghaliex l-ewwel Qorti ma mpunietx il-multa addizzjonali li f'kaz ta' htija kienet obligata taghmel b'mod tassattiv.

Ikkunsidrat.

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-agravju, l-Artiklu 23(13) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta minbarra l-multa u prigunerija, tesigi multa ohra ta' mhux anqas minn erba' Euro (€4) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Euro (€23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab htija. Il-Ligi ma tispecifikax illi din il-multa addizzjonali bilfors trid tithallas minn Direttur illi ghadu jokkupa din il-kariga, izda kif tghid l-istess Ligi, "Ir-reat taht dan l-Artiklu jibqa jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma u hares id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artiklu u jew ta' kull regola msemmija fih", meta il-Ligi tghid. "min jaghmel ir-reat" qed taghmel dan bl-aktar mod generali u ma tispeicifikax la l-persuna u lanqas il-kariga illi huwa jokkupa. Ghalhekk la darba rrizulta illi Direttur ikun ikkommetta dan ir-reat u dan id-Direttur ikun volontarjament irrezenja mil-karigia allura bhala l-persuna li jkun ghamel ir-reat jibqa responsabli u soggett ghal multa addizzjonali. Minbarra s-Sentenzi kkwotati mill-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu din il-Qorti wkoll taghmel referenza ghas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif preseduta tad-9 ta' Dicembru, 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Joseph Mary Debono li wkoll trattat din il-kwistjoni bl-istess insenjament tas-Sentenzi msemmija mill-Avukat Generali.

Ghalhekk l-appellat jibqa’ responsabbli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-kap 372 huma reati permanenti. Ma giex kontestat illi l-appellat kien responsabli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza, xi haga illi huwa naqas illi jaghmel u ta’ dan l-ewwel Qorti sabitu hati u mponiet multa. Ma dan kienet obligata illi timponi wkoll multa addizzjoniali ghaz-zmien kollu illi l-appellat jibqa inadempjenti.

Ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellat Luciano Sciberras hati ta’ l-unika mputazzjoni dedotta kontra tieghu u tirriformha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta’ elf u mitt Euro (€1,100), timponi multa addizzjonali ta’ erba’ Euro (€4) kulljum ghal kull gurnata illi matula jkompli r-reat wara li nsatabet htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------